MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 17/2005

**Buttigieg Michael**

**vs**

**Schembri Stephan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi fit-tnax (12) ta' settembru 2004, l-attur li kien issuq truck tat-tip Isuzu (numru ta' registrazzjoni :BBF 973) kien niezel mill-pjazza tal-Qala , Ghawdex lejn id-direzzjoni tal-Bajja ta' Hondoq ir-Rumien;

Peress illi l-konvenut kien qieghd issuq van tat-tip Mitsubishi Pajero (numru tar-registrazzjoni IAH 428 u kien gej minn naha tac-cimiterju tal-Qala , Ghawdex ghad-direzzjoni tal-pjazza meta fl-liwja huwa mar fuq ir-wrong side tat-triq u investa l-vettura BBF 973 misjuqa mill-attur;

Peress illi ghalhekk l-istess incident gara unikament tort u htija tal-konvenut li kien qieghed issuq il-vettura BBF 973 b'traskuragni grass, imperezia u non-osservanza tar-regolamneti tat-traffiku;

Jghid l-istess konvenut ghaliex:

1. m'ghandux jigi dikjarat unikament responsabbli ghal incident stradali in kwistjoni

2. konsegwentament ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsin lira (Lm 750) danni ikkagunati fil-vettura tieghu (BBF 973) li giet dikjarata bhala total loss.

Bl-ispejjez bil-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Dicembru 2004, bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"L-esponenti jeccepixxi illi:

*1.* Fl-ewwel lok it-Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni mehtiega sabiex jiehu konjizzjoni tal-kawza ghaliex il-konvenut, li ghandu r-residenza tieghu f'Malta, ghandu l-*privilegium fori* u dan a tenur ta' l-artikolu 741( c) tal-Kap16;

*2.* Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-konfront tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incidentkien unikament responsabbli l-attur, Michael Buttigieg, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-attur li huwa minissa ingunt ghas-subizzjoni."

Sema’ 1-provi

Ikkunsidra

Illi l-incident sehh fi Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex, f'parti fejn hemm liwja fl-istess triq u fejn hemm ukoll triq laterali fuq in-naha tax-xellug tal-istess liwja meta wiehed ihares fid-direzzjoni tal-pjazza ewlenija tal-istess rahal. Mhux ikkontestat ii fil-mument meta sehh 1-incident 1-attur kien gej mid-direzzjoni tal-istess piazza fllwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta u cjoe' mid-direzzjoni ta' Hondoq ir-Rummien. Triq il-Kuncizzjoni hija pjuttost dejqa fil-parti ii kien ghaddej minnha l-konvenut, u titwessa' f'daqqa fuq in-naha tax-xellug fil-liwja gja msemmija fi-istess post fejn tisbokka t-triq laterali ukoll gja imsemmija.

Waqt 1-access li zamm fuq il-post, it-Tribunal seta' jikkonstata ii ma hemmx vizwali lil hinn mil-liwja, la ghal mm ikun gej, bhall-attur, mid-direzzjoni tal-pjazza u l-anqas ghal min ikun gej mid-direzzjoni opposta tal-bajja ta Hondoq ir-Rummien. Ghalhekk hija mistennija l-massima prudenza fis-sewqan f’din il-parti tat-triq. Presumibilment ben konxji minn dan il-periklu, l-awtorita’ kompetenti kienet zebghet il-kelma *slow* fl-art tal- karreggjata tal-attur, izda din kienet tghattiet bil-kisja bitmac li nghatat fic-centru tat-triq, b'mod li baqghet tidher biss l-ittra "S" (ara ritratt SS-3). It-Tribunal innota wkoll lit-traffiku gej mid-direzzjoni ta' Hondoq ir-Rummien kellu tendenza. minhabba l-konflgurazzjoni ta' Triq il-Kuncizzjoni sudeskritta, li hekk kif johrog mill-parti d-dejqa tat-triq u jaqbad il-liwja, isib ruhu fic-centru tat-triq, ammennokke’ ma jiksirx abruptement lejn ix-xellug tieghu.

A tempo vergine (fol 73) l-attur sostna li kien sejjer Hondoq ir-Rummien. u li sab lill-konvenut ma' wiccu. L-attur zied jghid li zamm il-brake izda xorta sehhet il-habta, bil- konsegwenza li l-konvenut tefa' lill-attur ghal fuq in-naha tal-lemin tieghu.

Fid-deposizzjoni tieghu quddiern it-Tribunal, 1-attur rega' sostna li dar bid-daqqa li qala' minghand il-konvenut; li

meta lemah lill-konvenut kien hmistax-il pied ‘il boghod mill-kantuniera u li l-konvenut kien isuq bi speed normali. L-attur qal li kien isuq fuq ix-xellug tieghu, hames piedi ‘l barra mill-gemb tat-triq. L-attur zied jghid li, ffaccjat bil-konvenut, ghafas il-brejk. Ma ppruvax idawwar il-karozza tieghu b'xi manuvra evasiva. F1-ahharnett, cahad dak li gie ssuggerit lilu mill-avukat tal-konvenut li kien xeghel l-indicator.

Il-konvenut a tempo vergine jghid li lahaq lill-attur f’nofs tat-triq waqt li l-istess attur kien qieghed jaqsam ghan-naha tal-lemin. Qal ukoll li ghafas il-brejk izda xorta sehhet il-habta.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut fid-deposizzjoni tieghu (fol 28 u 29) hija li kien miexi fuq in-naha tax-xellug tat-triq; li lemah lill-attur meta kien ghaxar metri boghod, u li biex jevita l-incident, il-konvenut dawwar il-vettura tieghu lejn in-naha tal-lemin u ghafas il-brejk. Mal-habta, il-vettura tieghu daret lejn il-lemin min-naha ta' wara taghha. Ma jaqbilx mal-iskizz fejn dan jindika 1-brake-mark fuq in-naha tal-lemin tat-triq; jghid li kien iktar lejn ix-xellug u cjoe' fil-parti li huwa mmarka "B-X" fuq l-iskizz, u in sostenn tat-tezi tieghu gibed l-attenzjoni ghar-ritratti mehuda mill-warden.

Ghal dik li hija velocita', il-konvenut jghid li naqqas l-ispeed u li kien qieghed fil- mument tal-habta jsuq b'velocita ta bejn 25 u 30 kilometru fis-siegha.

Il-verzjoni tal-konvenut tinstab ikkorroborata mix-xhieda ta' Valerie Cassar li kien front seat passenger tieghu.

Kif soltu jsir f'kawzi ta' din ix-xorta, il-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet, iridu jigu evaluwati ghall-veracita' taghhom, specjalment fejn huma konfliggenti, mar-res gestae kif risultanti mill-iskizz tal-incident li jaghti stampa oggettiva tal-habta kif ukoll mil- lokalizzazzjoni, xorta u entita' tal-hsarat sofferti bl-impatt fil-vetturi rispettivi. Minn dan l-esercizzju jirrizulta lit-Tribunal illi:

1. **Mhux minnu li 1-attur kien sejjer fid-direzzjoni ta' Hondoq ir-Rummien.** Il-brake-marks juru bi-car li qabel il-habta huwa kien qieghed jaqsam it-triq diagonalment aktarx biex jidhol fit-triq laterali. Fl-ewwel lok, huwa eskluz, mid-deposizzjoni tal-attur innifsu, li huwa ghamel xi manuvra evasiva billi xhin lemah lill-konvenut kiser lejn il- lemin qabel applika l-brejk. Huwa stess xehed li kull m'ghamel biex jevita l-incident kien li applika l-brejk. L-anqas hija accettabbli l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenut tefghu fuq in-naha tal-lemin tat-triq bid-daqqa li tah. Dan ghar-raguni li in segwitu tal-impatt li ssubiet fuq in-naha ta' quddiem tal-gemb xellugi taghha, il-vettura tal-attur baqghet miexja fi-istess direzzjoni li fiha kienet sejra qabel il-habta.

2. **Mhux minnu li l-konvenut kien qieghed isuq fuq ix-xellug tat-triq.** Prolongazzjoni tal-brake-marks tindika bic-car li kien gej min-naha tal-lemin tat-triq fil-parti d-dejqa tagha, u li fll-liwja kien qieghed jipprocedi lejn ix-xellug tat-triq. Id-direzzjoni tal-brake-mark inoltre teskludi l-affermazzjoni l-ohra tal-konvenut li huwa dawwar lejn il-lemin biex jevita l-habta. Il-point of impact (immarkat "h" fl-iskizz), b'deduzzjoni matematika mit-trianglu AB, BH U HB jirrizulta li huwa 4.55 metri ‘l barra mill-gemb xellugi tat-triq. Minn ezami tal-iskizz,jidher li l-brake-mark jidher li gej mir-roti tal-lemin tal-vettura tal-konvenut.v Dan kollu jindika li l-habta sehhet inizjalment bix-xewka tax-xellug tal-vettura tal-konvenut. Bl-impatt, mar-rota ta' quddiem tal-vettura tal-attur, il-vettura tal-konvenut daret mill-warrani taghha u fi-istess hin kompliet tithaxken mal-gemb tal-vettura tal-attur b'mod li gie minsus in-naha ta' quddiem kollu tal-vettura tal-konvenut. Fuq iz-zewg nahat tat-triq hemm bankina dejjqa mhux usa minn metru. Ikkunsidrat illi 1-vettura pparkjata kienet wiesa' cirka 1.5 metri - wisa' ta' vettura normali -jigi li l-parti karreggjabbli tat-triq kienet wiesa 9.6m tnaqqas (1 + 1 + 1.5 metri = 3.5) u jigu 6.1 metru. Isegwi li l-linja medjana tal-parti karreggjabbli tigi 1 + 1.5 + 3.05 metri li jigu 5.55 metri imkejjla mid-dar imsemija Family Mifsud. Il-point of impact ghalhekk kien metru `l gewwa mil-linja medjana. Il-vettura tal-konvenut - li hija pjuttost kbira, tal-ghamla Pajero - kienet ghalhekk gejja minn fuq in-naha tal-lemin

tat-triq u hekk kif qabzet il-linja medjana habtet mal-vettura tal-attur. Bejn il-gemb xellugi tal-vettura tal-konvenut u n-naha ta' barra tal-vettura pparkjata kien hemm distanza ta' 4.55 - (1 + 1.5) = 2.06 metri.

Jirrizulta ghalhekk illi z-zewg sewwieqa, gejjin minn direzzjoni opposta ghal xulxin ikkontribwew biex sehh l-incident: l-attur billi ghazel li jikser it-triq proprju biswit il-liwja u l-konvenut billi kiser min-naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug tieghu tal-istess triq ukoll fl-istess liwja li *ex admissis* kienet qieghdha tghattilu l-viswali tal-kumplament tat-triq. Iz-zewg sewwieqa ghalhekk kienu ttraskurati billi ghazlu li jsuqu fl-ghama. B'danakollu, it-tort tal-attur kien kemmxejn iktar minn dak tal-konvenut ghax kieku baqa ghaddej ghad-dritt u ma qasamx ghan-naha tal-lemin tieghu tat-triq, minkejja t-traskuragni tal - konvenut il-habta probabilment ma kinitx issehh.

L-attur fl-avviz tieghu qieghed jitiob LM750 danni filwaqt li fid-deposizzjoni tieghu (fol 19) jghid li hsarat ghandu LM800 u ghalhekk ma jaqbillux isewwiha. Jghid ukoll li l-panel beater offrielu LM200 tal-karozza ghall-i*scrap value* tal-karozza. L-attur ma gieb 1-ebda prova dwar il-*pre-accident* value tal-vettura tieghu. It-Tribunal qieghed ghalhekk *arbitrio boni viri* jiffissa t-telf soffert mill-attur fis-somma ta' LM600.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib lill-konvenut responsabbli fll-kworta ta' 2/5 ghall-incident; jillikwida d-danni minnu kkawzati fis-somma ta' LM240 (cjoe' 2/5 ta' LM600) u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata ta LM240 lill-attur bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Spejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Dicembru 2004 ghandhom jigu 2/5 mill-konvenut u 3/5 mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------